MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)**

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 14/2020

Il-Ħamis, 11 ta' Ġunju 2020

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' b'mod *online* permezz ta' *video conference* skond Direttiva Nru 02/2020 maħruġa id-Dipartiment għal Gvern Lokali, għal-laqgħa b'urġenza, fis-1.30 ta' waranofsinhar.

PREŻENTI:
Is-Sur Nicky Saliba – Sindku
Dott. Marlene Cini – Viċi Sindku
Is-Sur Daniel Cordina – Kunsillier
Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera
Is-Sur Baskal Saliba – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Is-Sur Neville Galea – Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku s-Sur Nicky Saliba.

## 14.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

14.1.1 Il-membri kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa b'urġenza.

## 14.2 Ġbir ta' skart riċiklabbli

14.2.1 Is-Sindku beda billi qal li ġiet imsejħa din il-laqgħa b'urġenza minħabba l-problema li tista' tinqala fuq il-ġbir tal-borża riċiklabbli. Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, datata 2 ta' Ġunju 2020.

14.2.2 Is-Sur Daniel Cordina ċċara l-punt li l-piż ta' din il-ġabra mhux se jkun fuq il-Kunsill, imma se tkun responsabbilita' tar-Reġjun. Il-Viċi Sindku Dott Marlene Cini staqsiet x'għamlu kunsilli oħrajn. Is-Sindku wieġeb li l-maġġoranza tal-Kunsilli qed jaqblu ma' din il-proposta. Is-Sinjura Sandra Grech tenniet li hi taqbel ma' din l-proposta. Il-Viċi Sindku staqsiet li jekk ikun hemm problema mal-kuntrattur, se jintlaqat Għawdex kollu? Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba wieġeb li xi żmien ilu kienet inqalgħet problema simili imma kienet tranġat għal ftit taż-żmien, imma issa donnha reġgħet inqalgħet. Is-Sur Daniel Cordina tenna li jaqbel ma' din il-proposta. Is-Sindku wieġeb li din opportunita' li l-Kunsill m'għanudx jitlef, għax ma jridx li jispiċċa fl-aqwa tas-Sajf bil-boroz riċiklabbli ma tinġabarx u xi spiża oħra fuq il-Kunsill. Kien hemm qbil minn dawk kollha preżenti għal din il-proposta.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-1.45pm.

Konfermati, illum it-Tlieta 23 ta' Ġunju 2020.

Nicky Saliba
Sindku

Neville Galea
Segretarju Eżekuttiv